**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2014 – Cofresco Frischhalteprodukte vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-223/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Ambjent — Direttiva 94/62/KE — Imballaġġ u skart mill-imballaġġ — Direttiva 2013/2/UE — Rollijiet, tubi u ċilindri li magħhom jiddawwar materjal flessibbli — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà")***

(2014/C 315/87)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Cofresco Frischhalteprodukte GmbH & Co. KG (Minden, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Weil, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u J.-F. Brakeland, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/2/UE, tas-7 ta' Frar 2013, li temenda l-Anness I għad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 37, p. 10), sa fejn il-Kummissjoni inkludiet ir-rollijiet, it-tubi u ċ-ċilindri li magħhom jiddawwar materjal flessibbli, bl-eċċezzjoni ta' dawk maħsuba li jifformaw parti minn tagħmir tal-produzzjoni u li ma humiex użati sabiex jippreżentaw prodott bħala unità ta' bejgħ, fuq il-lista ta' eżempji ta' prodotti li juru l-applikazzjoni tal-kriterji li jippreċiżaw il-kunċett ta' "imballaġġ".

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Cofresco Frischhalteprodukte GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 171, 15.06.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2014 – Melitta France vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-224/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Ambjent — Direttiva 94/62/KE — Imballaġġ u skart mill-imballaġġ — Direttiva 2013/2/UE — Rollijiet, tubi u ċilindri li magħhom jiddawwar materjal flessibbli — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà")***

(2014/C 315/88)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Melitta France (Chezy-sur-Marne, Franza) (rappreżentant: H. Weil, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u J.-F. Brakeland, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/2/UE, tas-7 ta' Frar 2013, li temenda l-Anness I għad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 37, p. 10), sa fejn il-Kummissjoni inkludiet ir-rollijiet, it-tubi u ċ-ċilindri li magħhom jiddawwar materjal flessibbli, bl-eċċezzjoni ta' dawk maħsuba li jifformaw parti minn tagħmir tal-produzzjoni u li ma humiex użati sabiex jippreżentaw prodott bħala unità ta' bejgħ, fuq il-lista ta' eżempji ta' prodotti li juru l-applikazzjoni tal-kriterji li jippreċiżaw il-kunċett ta' "imballaġġ"